**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, tnax (12) ta' Novembru 2024

Kawża Nru 412/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Xerri)**

Vs

**Ignatius Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Ignatius Farrugia**, iben Francis Farrugia u Concetta nee Attard, imwieled Rabat, Għawdex fit-tlettax (13) ta' Diċembru 1956 u residenti numru ħamsa (5), Triq Frenċ tal-Għarb, Għarb, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 66756(G) talli nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru 2023 għall-ħabta tat-tmienja ta'

filgħodu (08:00hrs) u fil-ġranet ta' qabel ġewwa d-Dwejra, San Lawrenz, Għawdex:

(1) bħala persuna li fuq ismu għandu liċenzja bħala bejjiegħ fit-toroq, ġestixxa din l-attivita kummerċjali u ikkaġuna ingombru jew inkonvenjent lill-abitanti jew għal min kien għaddej fit-triq permezz ta' kaxxi fl-art jew b'xi ħaġa oħra.[1]

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tmintax (18) ta' Ottubru 2024, l-akkużat irrapporta fl-Għassa tal-Pulizija li ġewwa d-Dwejra kien hemm xi ħadd armat bil-ħwejjeġ u li ma kellux permess li jarma. Il-Pulizija marru fuq il-post fejn l-istess Farrugia indikalhom li min kien hemm armat bħalu ma kellux permess li jibqa' armat fuq il-post. Fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru 2023, il-Pulizija mill-Għassa tar-Rabat, Għawdex għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) reġgħu marru d-Dwejra fejn sabu li l-akkużat kien qiegħed armat barra mill-kaxxa provduta lilu fil-permess. Huwa għalhekk ġie infurmat li kienu sejrin jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu.

[1] Regolament 30(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07.

Ikkunsidrat;

Id-difiża fl-ewwel lok targumenta li l-artikolu tal-liġi ikkwotat fl-akkuża ma jeżistix. Dan għaliex l-Prosekuzzjoni ikkwotat l-artikolu 30(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07 mentri fir-realta jeżisti biss l-artikolu 30 mingħajr l-ebda sub-inċiż jew paragrafi. Id-difiża issostni li la darba l-artikolu ikkwotat ma jeżistix allura l-Qorti ma tistax tasal biex issib ħtija fl-akkużat għall-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentement għandha tilliberah mill-istess.

Il-Qorti assolutament ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali. Fl-ewwel lok iċ-ċitazzjoni hija biss *avviso di comparire*. Issir riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Frank Borg**[2] fejn ingħad li:

> ***'Hu "jus receptum" li fil-ġudizzji sommarji ċ-ċitazzjoni ma hijiex hlief ordni ta' komparizzjoni, l-enunċjazzjoni tal-fatti kontenuti fiha ma hix il-bażi essenzjali in assoluta ta' l-inkriminazzjoni***, *u l-Qorti tista' tikkundanna lill-imputat ta' reat diversi minn dak li jidderivi minn dik l-enunċjazzjoni u li jirriżulta mill-provi li jkunu saru: basta jingħata lill-imputat, jekk jitlob hekk,*

[2] Deċiża fis-sitta (6) ta' Marzu 1954.

*terminu biex jiddefendi ruħu kontra l-imputazzjoni ta' dan ir-reat l-ieħor. Id-difiża qalet, pero', li dan ma jibqgħax aktar veru meta t-trattazzjoni bħal ma verament ġara f'dan il-każ, kienet magħluqa, għax kienu nstemgħu l-provi kollha u l-kawża kienet differita għas-sentenza." (Enfażi tal-Qorti).*

Jekk allura l-fatti dikjarati fiċ-ċitazzjoni mhumiex il-bażi essenzjali in assoluta tal-inkriminazzjoni, isegwi li aktar u aktar artikolu tal-liġi indikat b'mod erronju fiċ-ċitazzjoni m'għandux iwassal biex b'xi mod tiġi affettwata l-validita tal-istess proċedura. Li huwa essenzjali huwa li l-akkużat jkun ben konxju ta' dak li qiegħed jiġi akkużat bih biex bl-ebda mod ma jiġi preġudikat fid-difiża tiegħu. Il-Qorti ma tqisx li l-akkużat soffra xi preġudizzju bil-fatt li l-Prosekuzzjoni niżżlet l-artikolu 30(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07. Huwa ovvju li l-akkużat qed jiġi akkużat bi ksur tal-artikolu 29(1)(a) tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja, tant li l-istess difiża għamlet riferenza għal dan l-artikolu fis-sottomissjonijiet tagħha.

Apparti minn hekk l-artikolu 360(2) tal-Kap. 9 jispeċifika li:

*"Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.*

*Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Dan l-artikolu fl-ebda ħin ma jindika li ċ-ċitazzjoni irid jkun fiha indikat bil-preċiż l-artikolu tal-liġi. Din il-Qorti tifhem li l-artikolu huwa biss indikat għall-fini ta' prattiċita u għall-benefiċċju tal-partijiet kollha involuti fil-proċess ġudizzjarju. Għalhekk din il-Qorti temmen li – sakemm id-diċitura tal-akkuża hija waħda ċara u tindika bil-preċiż ir-reat li l-individwu qiegħed jiġi akkużat li kiser – żball fl-indikazzjoni tal-artikolu tal-liġi bl-ebda mod m'għandu jwassal għan-nullita tal-proċeduri jew inkella tan-nullita tal-akkuża nniffisha. L-akkużat kien ben konxju ta' dak li qed jiġi akkużat bih u fl-ebda ħin ma jista' jingħad li huwa soffra xi preġudizzju. Għalhekk dan l-argument tad-difiża qed jiġi respint.

L-akkuża li qed tiġi addebitata lill-akkużat hija dik kontemplata fir-regolament 29(1)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.07 li tistipula li:

*"Bejjiegħ fit-toroq jista' jiġġestixxi l-attività kummerċjali tiegħu minn kull imkien, f'kull triq, billi jbiegħ bl-imnut jiġifieri billi jipparkja l-vettura tiegħu, kif hemm fir-regolamenti tat-traffiku, f'kull triq fejn jieqaf biex ibiegħ*

*sakemm iservi lill-klijenti tiegħu u wara li jservihom jgħaddi għal x'imkien ieħor, bla ħsara għall-kondizzjonijiet li ġejjin:*

*(a) li sakemm il-bejjiegħ fit-toroq jieqaf biex ibiegħ lill-kilijenti tiegħu, ma jkun hemm l-ebda ingombru jew inkonvenjent li jiġi kaġunat għall-abitanti jew għal min ikun għaddej fit-triq;"*

Din il-Qorti mhijiex konvinta li tista' tasal biex issib ħtija fl-akkużat għal din l-akkuża:

(a) fl-ewwel lok l-akkużat qed jiġi akkużat bħala *"bejjiegħ fit-toroq"* (*street hawker*) meta fil-verita huwa għandu post fiss li ġie allokat lilu biex minnu jeżerċita n-negozju tiegħu. Dan hekk kif xehed r-rappreżentant tal-Awtorita tal-Artijiet Ian Mallia fejn saħansitra indika il-post eżatt li hemm allokat lill-akkużat u anke ippreżenta *site plan* tal-istess. Għalkemm huwa minnu li l-akkużat għandu wkoll liċenzja ta' *street hawker*, il-fatt li għandu post fiss allokat lilu fid-Dwejra jrendi lill-akkużat aktar bħala *"bejjiegħ bil-posta"* (*Market hawker*) milli *"bejjiegħ fit-toroq"* (*street hawker*). Il-Qorti tqis li l-permess tal-Awtorita tal-Artijiet għandu jingħata preċedenza fuq il-permess ta' *street hawker* la darba l-akkużat kien qiegħed armat fil-post u fil-lokalita fejn għandu l-permess

tal-Awtorita tal-Artijiet u ma kienx qiegħed armat f'xi post ieħor. Għalhekk fir-rigward ta' dan il-każ fil-konfront tal-akkużat ma jistgħux jiġu applikati d-dettami tar-regolament 29 tal-Leġislazzjoni 441.07. Dan it-tip ta' bejjiegħ huwa regolat mir-regolament 26, liema regolament ma jagħmel l-ebda riferenza għall-kundizzjonijiet indikati fir-regolament 29 tal-istess Leġislazzjoni Sussidjarja;

(b) barra minn hekk minn dak li xehed PC 1130 Bjorn Sammut fl-affidavit tiegħu, dak li l-Pulizija irriskontraw fuq il-post dakinhar tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru 2023 wara d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) (u mhux fit-tmienja ta' filgħodu (08:00hrs) kif indikat fl-akkuża) huwa li l-akkużat kien qiegħed armat 'l barra mill-kaxxa provduta fil-permess. L-affidavit ma jispeċifikax li l-akkużat kien qed jikkaġuna x'ingombru jew inkonvenjent lil min kien għaddej fit-triq bil-fatt li huwa kien armat barra mil-kaxxa provduta lilu. Se mai għalhekk l-akkuża kellha tkun li l-akkużat ma kienx qed jottempora ruħu mal-kundizzjonijiet maħruġa lilu mill-Awtorita tal-Artijiet għaliex okkupa aktar art mill-ispazju oriġinali konċess lilu.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati** tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**